22004D0024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru. 24/2004

tad-19 ta' Marzu 2004

li temenda l-Anness II (regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-ftehim taż-żee

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jirrenġa l-Ftehim dwar il-Kumitat Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 11/2004 tas-6 ta' Frar 2004 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/213/KE tal-25 ta' Marzu 2003 fuq l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(3)(e) tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq it-tagħmir tar-radju maħsub biex jintuża fuq bastimenti non-SOLAS u li huma maħsuba li jipparteċipaw fis-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) ([2]) għandu jiżdied fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddħol wara punt 4zzk (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/148/KE) tal-Kapitolu XVIII ta' l-Anness II mal-Ftehim:

"4zzl. **32003 D 0213**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/213/KE tal-25 ta' Marzu 2003 fuq l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq it-tagħmir tar-radju maħsub li jintuża fuq bastimenti non-SOLAS u li huma maħsuba li jintużaw fis-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) (ĠU L 81, tat-28.3.2003, p. 46)."

Artikolu 2

It-Testi tad-Deċiżjoni 2003/213/KE fil-lingwa ta' l-Islanda u l-lingwa Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2004, prevista li n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġie magħmul lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 116, tat-22.4.2004, p. 60.

([2]) ĠU L 81, tat-28.3.2003, p. 46.

(*) L-ebda liġi kostituzzjonali meħtieġa indikata.